MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 109/2011

**Banif Bank (Malta) plc**

**Vs**

**Paul Farrugia**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-1 ta’ April 2011 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma t’ghaxart elef erbgha mija w erbgha w sebghin Ewro w erbghin cetnesmu (€10,474.40) rapprezentanti ammont dovut minnu fuq il-kontijiet tieghu mas-socjeta’ attrici u specifikatament kif ser jinghad hawn taht.

Fuq il-Credit Card Nru 4196 8060 0001 4213 li ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta’ l-applikazzjoni markata bhala Dok A) hemm dovut l-ammont ta’ ghaxart

elef, erba mija w tmintax-il Ewro w sebgha w tletin centesmu (€10,418.37) u sat-28 ta’ Marzu 2011 tali ammont kien jinkludi erbgha w sittin Ewro u tnejn u hamsin centesmu (€64.52) f’imghaxijiet (Ara *statement* bankarju markat bhala DOk B).

Fuq il-Current Account Numru 40398 10 001 li ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta’ l-applikazzjoni markata bhala Dok C) hemm dovut l-ammont ta’ tnejn u hamsin Ewro u tliet centezmi (€52.03) u sat-28 ta’ Marzu 2011 tali ammont kien jinkludi disgha w tletin centezmu (€0.39) f’imghaxijiet (ara l-i*statement* bankarju Dok D). Dan l-ammont jikoncerna *bank charges* relatati mal-akkont dovut fuq il-Credit Card imsemmija aktar ‘l fuq.

In oltre, dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpanija attrici ai termini tal-artikolu 11 (f) tal-*Conditons of Use* marbuta mal-Credit Card (ara Dok E) stante li huwa ripetutament naqas li jaghmel il-pagamenti msemmija fil-*Conditions of Use*.

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont minnu dovut, baqa’ inadempjenti w ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi r-rapprezentanti attrici jafu dawn il-fatti personalment.

Bl-imghax skond l-oghla rata permessa mil-ligi mit-28 ta’ Marzu 2011 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 26 ta’ Novembru 2010 u l-ittra ufficcjali Numru 241/11 datata 31 ta’ Jannar 2011 u mibghuta a tenur tal-artikolu 166A tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ittri baqghu mhux notifikati, w kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju Nru 275/11 prezentat kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficcjali kontra tieghu, u minn issa hu ngunt in subizzjoni u dan kollu minghajr pregudizzju w b’riserva ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tieghu.

Rat in-nota tal-konvenut pprezentata fl-atti fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-17 ta’ Mejju 2011 fejn permezz tal-

istess huwa rregistra ammissjoni ghat-talba attrici kif mitlub fir-rikors promotur.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-ammissjoni tal-konvenut ghas-sorte w l-imghax mitlub mis-socjeta' attrici, ghalhekk tiddikjara li t-talba attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef erbgha mija w erbgha w sebghin Ewro w erbghin cetnesmu (€10,474.40) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------